Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija
(Spettur John Spiteri)
(Spettur Stacy Attard)

vs

Abdi Abdul Fatah

Kumpilazzjoni Numru: 745/2021

Illum, 15 ta' Dicembru, 2022

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Abdi Abdul Fatah detentur tal-karta tan-numru tal-Pulizija 20BB-029 akkuzat talli nhar is-17 ta' Novembru, 2021 f'xi hin bejn l-10:00hrs u 11:30hrs fi Triq Dicembru Tlettax, Marsa u/jew f'dawn il-Gzejjer:

Issoggetta lill—Omissis- ghal xi att u jew imgieba li jkollha konnotazzjonijiet sesswali, inkluzi kliem bil-fomm, mossi u jew ghemil, bil-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi u jew xi materjal iehor, fejn dak l-att, kliem u jew imgieba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistghu ragonevolment jigu kkunsidrati bhala offensivi, umiljanti, degradanti u jew intimidatorji lejha, liema reat sar fuq persuna ta' sittax il-sena u cioe minuri.

Art 251A(1) (e); Art 251H(d) ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, issoggetta lill—Omissis- ghal xi att u jew imgieba li jkollha konnotazzjonijiet sesswali, inkluzi kliem bil-fomm, mossi u jew ghemil, bil-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi u jew xi materjal iehor, fejn dak l-att, kliem u jew imgieba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistghu ragonevolment jigu kkunsidrati bhal offensivi, umiljanti, degradanti u jew intimidatorji lejha

Art 251A(1) (e) ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' l-allegat vittma u l-familjari taghhom.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna Abdi Abdul Fatah sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti.

Semghet il-provi.

Rat l-artikoli indikati u cioe' l-Art. 251A(1)(e), 251H(d), 383, 384, 385, 412C u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u kkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 251A(1)(e) u 251H(d), qed issib lill-imputat Abdi Abdul Fatah hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u tikkundannah ghal tmintax (18)-il xahar prigunerija.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**